Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,633, 28 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 225 tal-2021

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Proċedura ta' Astensjoni, Rikuża u Sostituzzjoni ta' Membri tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(b) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għas-servizzi finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Proċedura ta' Astensjoni, Rikuża u Sostituzzjoni ta' Membri tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"Ministru" tfisser dak il-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

Jemenda l-artikolu 21 tal-Att.

3. L-artikolu 21 tal-Att għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Il-Ministru għandu jaħtar numru ta' membri sostituti, liema numru għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Ministru iżda mhux inqas minn tnejn (2), skont il-ħtieġa, minn żmien għal żmien, u liema membri sostituti għandhom jissodisfaw il-kriterji skont is-subartikoli (3) jew (4) u s-subartikoli (5), (6) u (7) għandhom japplikaw. F'każ ta' vakanza fil-kompożizzjoni tat-Tribunal jew għar-raġunijiet kontemplati fl-artikolu 10A, jew minħabba indispożizzjoni ta' xi wieħed mill-membri tat-Tribunal, inkluż iċ-*Chairman*, il-Ministru għandu jaħtar membru sostitut skont ir-rota li jissodisfa r-rekwiżiti tal-vakanza skont is-subartikoli (3) jew (4), skont il-każ."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10A) Iċ-*Chairman* jew il-membri l-oħra tat-Tribunal jistgħu jiġu rikużati jew jistgħu jastjenew ruħhom milli joqgħodu f'kawża f'dawk iċ-ċirkustanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili, u f'każ bħal dan iċ-*Chairman* jew membru għandu jiġi sostitwit minn membru ieħor li jkun maħtur mill-Ministru skont is-subartikolu (2A):

Kap. 403.

Iżda għall-finijiet ta' proċedimenti taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, il-membru għandu jiġi mibdul minn membru ieħor li jkollu t-tagħrif u esperjenza meħtieġa skont l-artikolu 57(1) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni.".